12 ta' Ġunju, 1954.

Imħallef:
L-Onor. Dr. W. Harding, B.Litt., LL.D.

Kan. Vincenzo Camilleri, D.D. ne. et versus Matteo Cachia

**Appell — Kontumaċja.**

*Il-kawża ġusta li tiġġustifika l-kontumaċja quddiem il-Qorti meta ġew deferiti l-kapitoli trid tkun tikkonsisti f'impediment leġittimu, jiġifieri f'neċessità impellenti, jew impossibilità jew diffikoltà gra-*

*vi, jew eċċezzjonalment morali.*

*L-allegazzjoni li l-konvenut ma deherx għall-kawża għax kellu x-xogħol, u li għalhekk huwa baqħat lil mortu minfloku, ma hix ġusta kawża li tiġġustifika l-kontumaċja.*

Il-Qorti — Wara li rat it-talba ta' l-attur quddiem il-Qorti Ċivili tal-Maġistrati ta' Malta għall-kundanna tal-konvenut għalbiex jiżgombra mill-ambjenti fil-fond nru. 36 Mill Street, Siġġiewi, detenuti minnu mingħajr titolu, u li huma proprjetà ta' l-attur Kanoniku Camilleri noe., u mikrija lill-attur Giuseppe Bonello; u dana fit-terminu qasir u perentorju li tiffissalu l-Qorti; bl-ispejjeż, inklużi dawk ta' l-ittra interpellatorja ta' Frar 1954;

Rat is-sentenza ta' dik il-Qorti tat-13 ta' April 1954, li biha ddeċediet billi laqgħet it-talba ta' l-attur, bl-ispejjeż, u tat lill-konvenut xahar żmien biex jiżgombra;

Rat iċ-ċitazzjoni li biha l-konvenut appella lil din il-Qorti u talab ir-revoka tas-sentenza fuq imsemmija;

*Omissis;*

Ikkunsidrat;

Is-sentenza appellata ġiet bażata fuq il-preżunta konfessjoni tal-materja kapitolata, peress li l-konvenut appellant, meta ġie lilu deferit il-kapitolu, naqas u ma deherx;

Għalhekk, sakemm il-konvenut appellant ma jippruvax kawża ġusta għan-nuqqas ta' komparizzjoni tiegħu meta ġie lilu deferit il-kapitolu, tibqa' unika u inkonkussa l-prova naxxenti kontra tiegħu mill-kapitolu; u peress li, sakemm ma jippruvax dik il-kawża ġusta, ma jkunx hemm restituzzjoni "in integro", għalhekk lanqas jista' l-konvenut iġib provi oħra ġodda;

Issa, il-fatti huma li fl-ewwel seduta quddiem il-Qorti Inferjuri, ċjoè tas-7 ta' April 1954, milli jidher ma sar xejn, għaliex ma hemm ebda verbal. Verament kien imissu kien hemm verbal ta' differiment, u hu desiderabili li jkun hemm, u hu nuqqas li ma jkunx hemm. Fis-seduta tat-13 ta' April 1954, fol. 2, ġiet reġistrata eċċezzjoni b'dawn il-kliem:— "Il-konvenut, per mezz tad-difensur tiegħu, jeċċepixxi li huwa minn dejjem kien jokkupa l-fond b'titolu ta' sullokazzjoni, u

li, meta mietet l-inkwilina, il-fond ġie lilu mikri wkoll mill-eredi tagħha;

Għalkemm jissemma l-konvenut, dan però ma kienx hemm; mhux biss għax fil-fatt, meta, wara li xehed l-attur Kanoniku Camilleri, ġie lilu deferit il-kapitolu fol. 6, il-konvenut fil-fatt ma deherx, imma anki għax fix-xhieda tiegħu quddiem din il-Qorti fol. 15 il-konvenut ammetta li ma kienx ġie l-Qorti dak inhar;

Issa, il-konvenut qal li ma ġiex il-Qorti għax kellu x-xogħol u bgħat il-mara f'loku. Din ma hix ġusta kawża. Minn kważi mitt sena ilu, ċjoè alment mill-1868, ġie ritenut li l-kawża ġusta trid tkun "un legittimo impedimento" (ara "Farrugia vs. Grech", App. Civ. Inf. 23 ta' Jannar 1926, u s-sentenzi fiha ċitati). Dan l-impediment leġittimu għandu jikkonsisti f'neċessità impellenti jew impossibilità jew diffikoltà gravi fiżika, jew eċċezzjonalment morali (ara insenjament tal-Borsari, ċitat fis-sentenza App. Inf. "Callus vs. Chircop", 3 ta' Lulju 1926). Kieku l-motiv adottat mill-appellant odjern kellu jiġi akkolt, kważi kulħadd ikun skużat milli jidher il-Qorti, għax kważi kulħadd ikollu xogħol ieħor;

L-appellant iċċita s-sentenza ta' din il-Qorti "Vassallo vs. Bonello", 4 ta' Mejju 1911, sedenti l-Imħallef Dr. Alfredo Parnis. Apparti li l-każ ma hux l-istess, għax f'dak il-każ il-kapitoli ġew deferiti fit-tielet jew fir-raba' udjenza, wara li ngħataw l-eċċezzjonijiet, mentri f'dan il-każ il-kapitolu ġie deferit fl-istess ġurnata li d-difensur tal-konvenut ta' l-eċċezzjoni, u għalhekk il-konvenut odjern ma setax ħaseb, bħal ma seta' ħaseb il-konvenut l-ieħor, billi l-kawża ġiet differita diversi drabi mingħajru, li l-preżenza tiegħu ma kienetx meħtieġa; apparti dan, dik is-sentenza hi kuntrarja għal dik il-ġurisprudenza prevalenti. Infatti, fis-sentenza fuq ċitata "Callus vs. Chircop", tal-kompjant Imħallef Dr. Luigi Camilleri, ġie kontemplat każ bħal dan, fejn l-appellant ried jiġġustifika l-kontumaċja għax qal li hu kien wera mill-ewwel udjenza li ried jikkontesta l-kawża. A propożitu, Dr. Camilleri qal hekk:— "Atteso che lo stesso appellante anche vorrebbe combattere la presunzione legale della confessione del fatto capitolato, opponendo che egli dimistrò alla prima udien-

za di voler contestare la lite, manifestazione di volontà diametralmente contraria alla confessione del debito, ma egli è in errore se crede che la legge met e a base dell'ammissione dei capitoli la presunta volontà della persona chiamata a subire di non contestare ossia di abbandonare la causa; la contumacia è sempre per sè sola contestazione della domanda; ma non è lecito ad alcuna delle parti di valersi del proprio fatto, incontrollabile dall'altra, e privare questa forse dell'unica prova che essa sperava dalla subizione, per poter ottenere il rigetto dell'azione o della eccezione; e da qui la necessità della ultima parte dell'art. 710 delle Leggi di Organizzazione e Procedura Civile, secondo il quale, indipendentemente da ogni contestazione precedente, se la parte chiamata non comparisse si intenderanno ammessi i capitoli, ammenocchè non si dimostrasse una giusta causa per la non comparizione della parte'';

F'dik is-sentenza ġiet kommentata wkoll mill-Imħallef Dr. Luigi Camilleri s-sentenza ''Vassallo vs. Bonello'' li ġiet ċitata mill-appellant, u l-Imħallef Dr. Camilleri qal li ma setax isegwiha, għax il-fattizzi tagħha kienu eċċezzjonali, u anki fiha l-ġudikant kien ipproċeda aktarx, kif qal l-Imħallef Dr. Camilleri, ''con una buona dose di equità'', minħabba li d-difensur wieħed kien ipprofitta ruħu mill-assenza tad-difensur l-ieħor waqt li dan ta' l-aħħar kien okkupat f'Qorti oħra;

Għal dawn ir-raġunijiet il-kontumaċja ma ġietx ġustifikata, u għalhekk tibqa' l-konfessjoni ta' l-okkupazzjoni tal-fond bla titolu, indotta minn nuqqas ta' dehra tal-konvenut wara li ġie lilu deferit il-kapitolu;

Konsegwentement l-appell hu miċħud u s-sentenza appellata tibqa' konfermata; bl-ispejjeż kollha kontra l-konvenut appellant.